V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9945 — Siemens Healthineers AG/Varian Medical Systems)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 8/05)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Siemens Healthineers AG ("Siemens Healthineers", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Siemens AG (il-Ġermanja),

— Varian Medical Systems, Inc. ("Varian", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Siemens Healthineers takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Varian kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Siemens Healthineers hija korporazzjoni tal-istocks bil-kwartieri ġenerali f'Erlangen (il-Ġermanja) u hija kkwotata fil-Borża ta' Frankfurt. Siemens Healthineers tipprovdi soluzzjonijiet għall-kura tas-saħħa u servizzi mad-dinja kollha fi tliet segmenti tan-negozju: (i) Teħid ta' Immaġini; (ii) Dijanostika fil-Laboratorju; u (iii) Terapiji Avvanzati,

— Siemens AG hija kumpanija tat-teknoloġija bil-kwartieri ġenerali f'Munich (il-Ġermanja). Siemens hija attiva mad-dinja kollha u tiffoka fuq l-oqsma tal-awtomazzjoni u d-diġitilizzazzjoni fl-industriji tal-ipproċessar u tal-manifattura, fl-infrastruttura intelliġenti għall-binjiet u sistemi tal-enerġija distribwita, soluzzjonijiet ta' mobilità intelliġenti għall-ferroviji u t-triq u tekonoloġija medika u servizzi diġitiali ta' kura tas-saħħa,

— Varian hija korporazzjoni pubblika bil-kwartieri ġenerali f'Palo Alto (l-Istati Uniti tal-Amerka) u hija kkwotata fil-Borża ta' New York. Varian hija fornitur golbali ta' apparati mediċi u soluzzjonijiet ta' software biex ikunu ttrattati t-tumuri u kundizzjonijiet oħra mediċi b'terapija ta' radjazzjoni u trattamenti oħra avvanzati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9945 – Siemens Healthineers/Varian Medical Systems

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË